**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 286/17 CZ**

**Emilio Agius (ID 483335 (M)**

**vs**

**Adrian Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-22 ta' Gunju 2017 u li permezz taghha talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) rapprezenanti valur ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 065 tal-marka Daihatsu Midget li kienet giet fdata lill-intimat ghall-bejgh taghha izda minflok l-istess intimat iddispona minnha minghajr ma kkumpensa lill-attur ghaliha.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-4 t'Awwissu 2017 fejn iddikjara:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi l-bazi ta' din l-azzjoni hija insostenibbli stante illi l-vettura mertu tal-Avviz qatt ma nbieghet lil terzi kif allegat mill-attur, tant illi l-vettura ghadha fil-pussess tal-intimat. Illi ghalhekk il-premessa li fuqha hija bbazata l-azzjoni odjerna ma tissussistix u konsegwentement l-azzjoni odjerna hija improponibbli u minghajr ebda bazi;

Illi fi kwalunkwe kaz, l-ebda ammont m'huwa dovut lill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda tal-partijiet, u d-dokument esebit a fol. 22;

Ra dak verbalizzat mill-avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-25 t'April 2018 dwar l-awtenticita' tad-dokument a fol. 22;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi l-attur qed jitlob lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) rapprezentanti valur ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBE 065 tal-marka Daihatsu Midget li kienet giet fdata lill-intimat ghall-bejgh taghha izda minflok l-istess intimat iddispona minnha minghajr ma kkumpensa lill-attur ghaliha.

Illi l-konvenut qed jilqa' ghal din it-talba billi qabel xejn jghid illi din il-vettura mhux minnu li nbieghet lil terzi, u f'kull kaz l-ebda ammont m'huwa dovut.

It-Tribunal ra x-xiehda ta' l-attur[1], li qal li l-vettura in kwestjoni kien hadha ghand il-konvenut biex ibieghhielu. Din il-vettura ghadha ghand il-konvenut, filwaqt li baqghet registrata fuq l-attur stess. Qal ukoll li l-van ma kienx se jaccettah lura u jrid anke l-imghaxijiet ta' kemm jiswa.

It-Tribunal ra wkoll ix-xiehda tal-konvenut[2], fejn qal li l-van baqa' ma nbieghx u kien informa b'dan lill-attur. Qal ukoll li l-attur kellu jghaddilu xi flus, u malli jghaddihomlu, il-van kien ha jtihulu lura, izda dawn il-flus baqa' m'ghaddihomlu qatt. Il-konvenut qal li l-van kien qed jaghmel tajjeb ghal somma ta' tlett'elef Euro (€3,000) li kellu jiehu minghand l-attur. Qal ukoll illi l-log book kien ghaddihulu l-attur minhabba li kellu jtieh dawn il-flus.

[1] Fol. 14 et seq.
[2] Fol. 16 et seq.

Illi giet esebita wkoll kopja tal-log book in kwestjoni[3], minn fejn jirrizulta li l-vettura ghadha registrata fuq l-attur, u ma hemm l-ebda firem jew dettalji fuq il-parti tal-logbook riservata ghat-trasferimenti.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal jirrizultalu illi l-premessa bazika ta' l-attur, u cioe' dik illi l-konvenut biegh il-van bi qliegh ghalih u ma hallsu xejn, hija zbaljata. Il-logbook juri dan b'mod car, izda iktar u iktar dan gie konfermat mill-attur innifsu, li ddikjara li l-vettura ghadha registrata fuq ismu. It-Tribunal fehem illi l-partijiet ghandhom xi kwistjonijiet ohra bejniethom li jmorru lil hinn minn din il-kawza, izda safejn jirrigwarda din il-vettura partikolari, ladarba l-bejgh ma sarx, u ladarba l-vettura ghadha ta' l-attur, dan ma jistax jitlob hlas ghaliha minghand il-konvenut, u r-rimedju li rrikorra ghalih fil-kawza odjerna mhuwiex dak adatt fic-cirkostanzi. Ghat-Tribunal mhuwiex car x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet meta l-attur halla l-vettura in kwestjoni ghand il-konvenut, u dan ghaliex iz-zewg partijiet joffru raguni totalment differenti ghaliex din il-vettura spiccat ghand il-konvenut. Pero' f'kull kaz, ladarba din il-vettura baqghet registrata fuq l-attur, l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' r-ragunijiet migjuba fir-risposta tal-konvenut, u konsegwentement jichad it-talba ta' l-attur. L-ispejjez ikunu kollha a kariku ta' l-attur.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur

[3] Fol. 22